**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 735/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**OWEN JOHN MIZZI**

**Illum, 21 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi **OWEN JOHN MIZZI** ta' 30 sena, iben Anthony u Josephine nee' Camilleri li twieled ġewwa Żabbar nhar is-06/01/1991, idikjarat li jirrisjedi ġewwa l-indirizz 97, Dual Zone, Flat 5, Triq is-Silla, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita 59591M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-10 ta' Ottubru 2021 u fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Żabbar u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:-

1. Ikkaguna lil omm uliedu **Kai u Ella** u cioe' **Mandy Valenti**, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali.

2. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil **omm uliedu Mandy Valenti**, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi :

3. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil **omm uliedu Mandy Valenti** jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

4. Għamel inġurji jew thedid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil **omm uliedu Mandy Valenti** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Mandy Valenti** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Owen John Mizzi** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Owen John Mizzi b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap  tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

l-orti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra u jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami, iwieġeb li huwa ħati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghar-reati li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat li gie mixli bih.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali relattivament netta tiegħu.  Madanakollu, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi r-reati li dwarhom ammetta l-ħtija tiegħu – partikolarment ir-reat ta' fastidju addebitat fl-ewwel imputazzjoni - huma reati serji li jfixklu t-trankwillita' tal-ħajja kwotidjana tal-vittma u jikkaġunaw allarm u ansjeta'.  Hija rat l-atti, fosthom ir-*risk assessment* li sar fuq

Mandy Valenti fl-10 ta' Ottubru 2021[1] u fehmet illi in segwitu għat-terminazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet, meta l-parti leża telqet lill-imputat biex terġa' tmur tgħix ma' ommha, l-imputat beda jagħtiha fastidju u dan billi jsegwiha b'mod persistenti kif ukoll jheddidha. Għalkemm il-Qorti tifhem li dan l-aġir kriminuż seta' kien dovut għal rabja jew diffikolatjiet emozzjonali jew psikoloġiċi li xi kultant isegwu t-terminazzjoni ta' relazzjoni bejn koppja, b'daqshekk m'hijiex qiegħda tissanzjonah: għall-kuntrarju, taghmilha car bl-iktar mod vociferu li l-perpetrazzjoni ta' vjolenza ta' kull xorta u ghal kwalsiasi raguni, inkluz vjolenza morali li tigi xprunata mid-diffikoltajiet li l-individwu jirriskontra wara t-terminazzjoni ta' relazzjoni, hija kundannabbli ikunu xi jkunu c-cirkostanzi. Madanakollu, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi kif ġie sottomess u dikjarat mill-partijiet kollha, ma baqghux jinqalghu incidenti bejn il-partijiet tant illi llum huma reġgħu jinsabu f'relazzjoni, jgħixu taħt l-istess saqaf maż-żewġ uliedhom minuri u r-relazzjoni tagħhom hi waħda stabbli.

Fil-qies ta' dan kollu l-Qorti hi tal-fehma illi l-imputat li, minn dak li ġie sottomess waqt it-trattazzjoni, jidher li għandu diffikolatjiet biex jikkontrolla r-rabja li jkun qed iħoss, jeħtieġ għajnuna biex jibqa' fit-triq it-tajba anke billi jagħraf jamministra b'mod iktar efficjenti l-emozzjonijiet tieghu naxxenti mid-diffikoltajiet li jista' jirriskontra fir-relazzjoni tieghu ma' omm uliedu. Temmen illi fic-cirkostanzi l-imputat huwa kandidat idoneu ghal sanzjoni fil-komunita` u jista' jislet beneficcju sostanzjali minn gwida strutturata biex jindirizza l-problemi ta' nuqqas ta' kontroll fuq l-emozzjonijiet tieghu u kif ukoll sabiex, tenut in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, jaghraf li jzomm 'il boghod minn kondotta negattiva u kriminuza li tista' twassal ghall-ghemil ta' reati ohra.

Ghaldaqstant, fil-qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi tal-kaz inkluz il-karattru tal-imputat, m'hijiex piena karcerarja, izda hija l-hrug ta' Ordni

[1] Fol. 4 *et seq.*

ta' Probation fil-konfront tal-imputat, b'emfasi partikolari fuq sorveljanza u għajnuna f'dak li jikkonċerna l-aspett tal-kontroll tar-rabja.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 202(h)(iv), 222(1), 251A, 251H, 251HA, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda fuq ammissjoni ssib lil OWEN JOHN MIZZI ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446, il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Mandy Valenti kontra kull aġir tal-ħati li joħloq dwejjaq, fastidju u molestja, il-Qorti qieghda torbot lil OWEN JOHN MIZZI b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**Tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi ma ġewx maħturin esperti jew periti fil-proċeduri.**

**Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**Il-Qorti qiegħda tordna li l-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT**